MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 1901/2002

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc hekk kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Zammit sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Joseph Zammit**

**vs**

**David Balzan**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fis-7 ta' Awissu, 2002, fejn intalab il-hlas ta' hames mija u hamsa u sebghin lira u sitta u tletin centezmu (Lm575.36) rapprezentanti ammont dovut wara ncident awtomobilistiku tas-27 ta' Mejju, 2001, f'Old College Street, San Gwann, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KIA 082 misjuqa minn Sandra Zammit u propjeta' tal-assikurat tas-socjeta' attrici li**

**kienet assikurata taht polza "comprehensive" mahruga mill-istess socjeta' attrici li ghalhekk ghamlet tajjeb ghad-danni kawzati fil-vettura tal-assikurat taghha, minbarra mija u hamsin lira (Lm150.00) "Excess" imhallas mill-assikurat tas-socjeta' attrici, u l-mutur numru FAI 591 misjuqa mill-konvenut David Balzan, liema ncident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Frar, 2002 u dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment mal-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax pagabbli mill-4 ta' Frar, 2002 sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fl-4 ta' Settembru 2002 fejn intqal illi:**

**1. Illi l-incident meritu tal-kawza gara minghajr it-tort jew htija tal-esponenti.**

**2. Illi l-esponent jirriserva illi jeccepixxi dwar l-kwantum mitlub mis-socjeta' attrici hekk kif ir-ricevuti relattivi jkunu disponibbli.**

**3. Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' PS 621 Pierre Calleja, Sandra Zammit, John Micallef, u l-konvenut David Balzan.**

**Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni fi Triq il-Kullegg l-Antik San Giljan fis-27 ta' Mejju, 2001 bejn il-vettura**

**KIA 082 misjuqa minn Sandra Zammit u l-mutur FAI 591 misjuq mill-konvenut.**

**2. Jirrizulta illi l-attrici kienet ghaddejja fi Triq il-Kullegg l-Antik San Giljan, filwaqt illi l-konvenut kien hareg minn side road.**

**3. Il-mutur tal-konvenut ma huwiex mutur zghir u ghandu certu piz. Il-konvenut ighid li hu kkalkula li seta' johrog minghajr perikolu. Jispjega illi minhabba t-tip ta' mutur li kien qed isuq ma setax jigi allinjat mal-bankina wara li hareg minn triq sekondarja. Jispjega wkoll li pprova jevita' lill-attrici u jghid : « peress illi ma kellix accellerazzjoni bizzejjed, kelli nittiltja l-mutur waqt li laqtitni fuq il-magna. Il-mutur bil-kollizzjoni waqa' ». Il-konvenut ighid li kien fil-karreggjata tieghu meta gara l-incident. Il-konvenut jispjega wkoll li l-hsara fuq il-mutur kienet fuq wara l-rota ta' quddiem tal-mutur. Skond il-konvenut hu kellu l-indicator mixghul.**

**4. L-attrici tispjega li kienet ghaddejja b'velocita' moderata meta rat lill-konvenut hiereg minn triq sekondarja u jaqsam ghan-naha minn fejn kienet gejja hi, apparti li hareg xi ftit b'velocita'. L-attrici ma qablitx ma' l-isketch Dok PC 2 inkwantu tghid li l-vettura mmarkata bin-numru 1 bhala vettura parkeggjata ma kienetx hemm. Sandra Zammit tghid ukoll li l-karozza taghha ma kienetx fin-nofs u lanqas ma kienet taqbez il-linja medjana u l-mutur ma kienx fid-dritt. Hi tghid li rat il-mutur idur, mar man-nahha tal-bankina minn fejn kienet gejja hi u qasam ghall-karreggjata tieghu. F'dak il-waqt l-attrici baqghet niezla. Sandra Zammit tichad li l-konvenut ghamel xi indikazzjoni li kien ser jiccaqlaq. Hi kellha hsara fuq il-bumper u l-mudguard ta' quddiem in-naha tal-lemin.**

**5. Ix-xhieda ta' Sandra Zammit tinsab korroborata mix-xhieda ta' John Micallef, xhud indipendenti li kien qed isuq xi zewg karozzi wara l-vettura taghha. Dan ix-xhud ighid hekk: "jiena rajt lill-mutur hiereg minn Patri Marjanu Street ghal go Old College Street, qasam it-triq, mar hdejn il-bankina u minn hemmhekk rega' hareg il-barra u qasam il-karreggjata li minnha konna ghaddejjin sija jien u sija l-attrici." L-istess**

**xhud jispjega li l-attrici ppruvat tevitah u jaqbel ukoll li ma kienx hemm il-vettura ndikata fl-iskizz numru 1.**

**6. Is-surgent stess ighid illi karozza parkeggjata zgur li kien hemm pero' ma setax' ighid jekk kienx hemm tnejn, ghalkemm jinsisti li l-vettura parkeggjata kienet dik immarkata bin-numru 1 fl-iskizz.**

**7. Mix-xhieda mismugha jirrizulta bic-car illi l-konvenut hareg minn triq sekondarja u ma marx mall-ewwel fil-karreggjata tieghu, izda minhabba l-mutur li kien qed isuq qasam it-triq, gie fil-karreggjata li minnha kienet gejja l-attrici u kiser propju minn quddiem l-attrici. Kienet proprju din il-manuvra azzardata da parti tal-konvenut illi kienet il-kawza tal-kollizzjoni ghaliex il-konvenut messu accerta ruhu illi seta' johrog minghajr ma jkun ta' ostakolu ghas-sewwieqa l-ohra.**

**8. Kif ritenut mill-qrati taghna: "id-driver li jkun diehel minn side road ghal go main road, ghandu certu dovuti x'josserva fosthom dak illi jcedi ghat-traffiku fuq il-main road, li jesplora tajjeb il-main road qabel ma johrog fiha, u dak li jmexxi dead slow, u sahansitra jwaqqaf biex u sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara." (Vol XXXVII pg 1137 Pulizija vs Anthony Galea deciza fil-5 ta' Settembru,1953). Fl-istess decizjoni jinghad ukoll illi "jekk il-provi juru li l-kawza prossima tal-kollizzjoni kienet unikament in-negligenza tas-side road user, li l-ghemil tieghu rrenda l-kollizzjoni in evitabbli, l-main road user ma ghandu l-ebda tort fil-kollizzjoni, avolja hu kien qed isuq il-karozza fuq il-crown tat-triq, minflok fuq ix-xellug taghha kif jippreskrivu r-regolamenti." (vide wkoll Zammit vs Drago deciza fl-Appell fil-5 ta' Ottubru, 1998)**

**9. It-Tribunal jirrileva wkoll illi kienu validi l-punti sollevati mid-difensur tas-socjeta' attrici, in kwantu jirrizulta li l-konvenut hareg minn triq sekondarja, qasam it-triq principali ghal banika tan-naha l-ohra u rega' qasam minn quddiem l-attrici. In oltre jirrizulta wkoll li minhabba l-mutur li kien qed isuq kellu johrog b'certa velocita'. Apparti minn dan jirrizulta wkoll illi dwar il-karozza parkeggjata mmarkata numru 1 fl-iskizz inholoq dubbju gustifikat jekk din kienetx**

**tassew hemm. Tenut kont ta’ dak li ntqal, it-Tribunal hu tal-fehma li l-incident sehh unikament minhabba traskuragni da parti tal-konvenut li ma qaghadx attent meta qed jaghmel manuvra sabiex minn triq sekondarja jidhol fil-linja tat-traffiku tieghu fi triq principali.**

**10. Dwar id-danni dawn jirrizultaw sija mis-survey Dok A u mir-ricevuti Dok B 1 u B 2.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-kollizzjoni in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u hamsa u ghoxrin lira u sitta u tletin centezmu (Lm425.36c) u lill-attur Joseph Zammit is-somma ta’ mija u hamsin lira (Lm150.00), ilkoll bl-imghax legali mill-4 ta’ Frar 2002 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta’ Frar, 2002 u dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment mal-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------